MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2010

Numru 560/2010

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Charles Spiteri)

vs

Sow Oumar
Sow Amadou

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati ta' karta ta' identità Taljana numru AN0954682 u AO0870077 rispettivament, akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-4 ta' Gunju 2010, ghal habta tal-11:00 a.m. fuq il-Monti ta' Birkirkara u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. bhala persuni li gestew attivita' kummercjali minn xi suq fil-berah, gestew din l-attivita' minghajr licenzja mill-

awtorita' regulattorja u dan ai terminu ta' l-Artikolu 26 ta' l-Avviz Legali 1 ta' l-2006.
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi huma u/jew persuna ohra li aggixxa f'isimhom provdew jew offrew li jipprovdu u jew esebew ghal bejgh hwejjeg meta ma kinux fil-pussess ta' cash register fiskali kif specifikat Artikolu 10 ta' skeda tlettax, liema skeda tifforma parti mill-atti tal-VAT XXIII ta' 1998 jew tal-kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvata mill-Kummissarju tal-VAT u dan bi ksur tal-1, 2, 3 u 10 parti tal-imsemmija Skeda u Artikoli 51 u 77(o) u 82 tal-Att numru XXIII ta' l-1998.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqghu jinsistu anka wara li l-Qorti taghthom zmien jikkonsidraw;

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata taghhom, issibhom hatja.

Rat ir-regolament 26 tal-Avviz Legali 1/2006, l-Artikolu 51, 77(o) u 82 tal- Kap 406.

Tikkundannahom 700 Euro kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------